# Ghandi xi Nghid

'Ghandi x' Nghid' (I have something to say) is a blog that focuses on current affairs and personal reflections – Andrew Azzopardi



# Meta qatel u ħaqar l-annimali fil-Mosta, Nicholas Grech kien qed ibati minn nuqqas ta' ġudizzju u awto-kritika – l-esperti psikjatriċi | maltarightnow

maltarightnow tirraporta

Il-konklużjoni tar-rapport li sar mit-tliet esperti psikjatriċi fil-każ ta' Nicholas Grech, ta' 37 sena mill-Mosta, mixli b'moħqrija ta' annimali fil-Mosta, jgħid li fiż-żmien li twettqu r-reati, l-akkużat kien qed ibati minn nuqqas ta' ġudizzju u awto-kritika.

Fil-konklużjoni taż-żewġ rapport li saru u li kienu ferm simili, il-Psikjatri Ethel Felice, Peter Muscat u David Cassar qalu li Grech kien qed ibati minn skizzofrenija u li meta wettaq ir-reat ma kellux intenzjoni kriminali.

It-tliet esperti xehdu wkoll li fiż-żmien meta twettqu r-reati jidher li l-akkużat kien waqaf milli jieħu l-kura li kien għaddej minnha qabel. Fid-dawl tar-rapporti tal-esperti, il-Qorti ppreseduta mill-Maġistrat Carol Peralta qalet li se tagħti s-sentenza l-Ħamis li ġej.

Min-naħa tagħhom, kemm il-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Ispetturi Edmond Curmi u Joseph Busuttil, kif ukoll id-Difiża mmexxija mill-Avukat Martin Fenech, qablu li kienu se joqgħodu mar-rapporti li saru mill-esperti, filwaqt li sostnew li jaqblu ma' dak li qalu l-esperti u li għandu jkun bord li finalment

jiddeċiedi mil-lat mediku xi jrid isir fil-futur fil-konfront tal-akkużat.



24/06/2014

Leave a Reply

« Previous

Next »

## Many thanks for your comments...keep posting...

### Email Subscription

Enter your email address to follow this blog and receive notifications of new posts by email.

Email Address

Sign me up!

Join 9,619 other subscribers

azzopardi70

Tweets by Azzopardi70

### Andrew Azzopardi

RM 114,
FEMA Building,
University of Malta,
Tal-Qroqq, Msida
00356 23402918

View Full Site